IR-RABA' KTIEB
TAL-ĦAMSA U
ERBGĦIN SENA

DIĊEMBRU

1969

LINGUA CONCORDIA DOMI FORISQUE DECOR

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

## KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| L-EDITUR — Is-Sena 1969 — Sena tal-Qamar ... ... faċċ. | 97 |
| OLIVER FRIGGIERI, B.A. — *Kif Jisbaħ Għada* ... ... ,, | 99 |
| KARMENU ELLUL GALEA — *Orizzont Ġdid* ... ... ,, | 100 |
| Dr. WALLACE Ph. GULIA, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manchester), D.P.A. (Lond.) — *Ħolqien* ... ,, | 101 |
| PAWLU MIFSUD — L-Anġlu u x-Xitan ... ... ... ,, | 104 |
| VAL. V. BARBARA, O.P. — *Il-Għanja tal-Kontinenti lil Marija* ... ... ... ... ,, | 106 |
| Kan. AMANTE BUONTEMPO, J.U.D., Adv. S.R.R. — *Saqaf Iqattar* ... ... ... ... ... ... ,, | 109 |
| L-EDITUR — Ittra tas-Sur Robert Mifsud Bonnici ... ,, | 110 |
| JOHN SCIBERRAS — *Rokku* ... ... ... ... ... ,, | 111 |
| G. MIFSUD BONNICI — *Ftit Ilħna u Drawwiet ta' Tjur u Bhejjem* ... ... ,, | 112 |
| SALVINU SCHEMBRI — *Ħsibijiet u Fantasija* ... ... ,, | 113 |
| MARJU AGIUS — *Wara l-Ewwel Xita* ... ... ... ... ,, | 114 |
| Kav. J.P. VASSALLO, O.B.E. — *Ballata Sewda* ... ... ,, | 115 |
| L-EDITUR — L-Ilsien Malti fl-Awstralja ... ... ... ,, | 117 |
| PAWLU CACHIA — *"Vanitas Vanitatum"* ... ... ... ,, | 118 |
| EMMLE. ATTARD — *Id-Dinja Għajjiet* ... ... ... ,, | 119 |
| JOSEPH SCIBERRAS — *Bħal Sigra* ... ... ... ... ,, | 120 |
| Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ,, | 121 |
| Werrej tas-Sena 1969 ... ... ... ... ... ... ,, | 127 |

DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H ,
34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,
53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.

SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,
18, St. Christopher Street — Valletta.

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*

*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*

*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*

*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

JUNIOR COLLEGE
LIBRARY

**IL-MALTI**

QARI LI TOĦROĠ
**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

DIĊEMBRU
1969

# IS-SENA 1969—SENA TAL-QAMAR

*. . . . . . fuq l-orizzont*
*qiegħed ifiġġ*
*dawl ġdid,*
*id-dawl ta' l-Astronawti!*
*Sejrin noħorġu*
*minn dan il-ħabs tad-dinja!*
*Bħall-baħar quddiem Ulisse*
*hemm l-univers quddiemna*
*jistieden għas-safar,*
*jimliena bit-tama!*

ANTON BUTTIGIEG.

* * *

*Is-sena 1969 tibqa' magħrufa fl-istorja tad-dinja bħala s-Sena tal-Qamar għax f'din is-sena l-bniedem seħħlu jitlaq minn din id-dinja tagħna u jmur jinżel fuq il-qamar. Din hi ġrajja ta' l-akbar għaġeb, xhieda tal-għerf, tal-ħila u tar-rieda tal-bniedem, miraklu tax-xjenza li rawh isir b'għajnejhom miljuni ta' nies fl-erba' parti tad-dinja.*

*Il-bniedem minn qaddisu jħares 'il fuq lejn is-sema meta jixxennaq għal xi ħaġa għażiża jew utieqa, meta jiġih f'moħħu ħsieb ta' hena jew ta' ġmiel, meta ruħu tikbes fi xrar ta' qdusija jew ta' qima, għax għalih is-sema jiġbor u jħaddan il-kobor, il-għerf u s-setgħa tal-Ħallieq, u fis-sema hemm misterji ta' ħolqien li għadhom mhux magħrufin.*

*Dak il-beraħ misterjuż tas-sema minn dejjem qanqal id-dehen tal-bniedem u rabba fih ħrara l-aktar ħarkiena biex jagħraf x'hemm fih. Imma l-aktar li jħeġġeġ il-fantasija tal-bniedem hu l-qamar li fil-ħemda tal-lejl jidher imdawwal donnu biex iwennes u jferraġ lin-nies ta' din l-art, qisu seħer ħanin li jmexxi lid-dinja fid-dalma sfiqa ta' bil-lejl.*

*Il-qamar hu waħda mid-dehriet l-aktar sbieħ tal-ħolqien. F'lejl sajfi u f'sema safi, imdawwar b'miljuni ta' kwiekeb ipetptu u jleqqu qishom djamanti, il-qamar jidher bħala sid u alla tas-smewwiet, jiġbed fuqu l-għajnejn tan-nies u jqanqlilhom qalbhom b'hena li ma tistax tfissirha; moħħ il-bniedem donnu jistrieħ, ħsibijietu jitfarrġu, qalbu toħla u titħarrek bi tferfira ta' mħabba. Ix-xjuħ jedhew fit-tifkiriet ħelwin ta' l-imgħoddi u ż-żgħażagħ iħossu fawra ta' mħabba, ta' tħannin ta' għax-qa fiż-żmien li ġej.*

*Dik il-ħlejqa tal-għaġeb minn ewl id-dinja ġibdet fuqha għajnejn in-nies, saħħrithom u mliethom bi ħrara li jagħarfuha u jifhmuha aħjar. Poeti ħassew il-lehma mnissla mis-seħer tal-qamar u kitbu fuqu versi*

*li jgħaxxqu; prożaturi ntilfu fil-ġmiel tiegħu u fasslu deskrizzjonijiet ħajjin dwaru; pitturi nġibdu wara d-dehra tiegħu fis-sema u sawru kwadri tal-għaġeb.*

*Il-qamar kien minn dejjem għajn ta' ħeġġa għall-arti. Imħuħ għaqlin, dehnijiet għorrief, qlub ħarkiena, kollha ħabirku, kollha xxennqu li jifhmu x'inhu sewwa l-qamar, u fuq kollox kollha ħassew ġibda l-aktar qawwija li jersqu lejh u jaslu sa fuqu. Din il-ġibda minn dejjem kienet tberren f'moħħ il-bniedem, imma l-wetqa tagħha kienet tidher tant iebsa u tqila u mwiegħra li kienu jaqtgħu qalbhom minnha.*

*Imma d-dehen tal-bniedem ma jehda qatt: dejjem isus, dejjem iħeġġeġ, dejjem ifittex truf ġodda, dejjem jimxi 'l quddiem, dejjem jixxiegħel f'ħidmiet imħabbla. Aktar ma jaħseb fi ħwejjeġ mostura u mwiegħra, aktar id-dehen tal-bniedem iħeġġeġ biex isibilhom tarfhom u jrażżanhom, u biex jasal fit-tir ta' moħħu, u biex iseħħlu jagħmel hekk, hu jinqeda b'kollox, l-aktar bix-xjenza.*

*Fi żmienna x-xjenza mxiet 'il quddiem u għamlet progress tal-għaġeb, imma l-aktar f'dawk li huma mezzi ta' komunikazzjoni u vjaġġar. Il-lum il-bniedem jista' jmur jew aħjar itir, minn post għal ieħor bħal leħħa ta' berqa, u jista' wkoll iwasslu l-leħen tiegħu, il-kelma tiegħu, ix-xbieha tiegħu u d-dehra tal-post fejn ikun, mhux biss minn tarf għal ieħor tad-dinja imma wkoll minn eluf u eluf ta' mili bogħod mid-dinja.*

*B'dawn il-mezzi f'idejh il-bniedem tħajjar jittarraf fil-beraħ tal-ħolqien u jersaq lil hinn mid-dinja; u billi minn dejjem ta' dejjem il-qamar jiġbed għajnejn il-bnedmin, dawn xeħtu l-ewwel pass lejh u twebblu biex jinżlu fuqu. Imma dan kien pass ta' biża'. Meta wieħed jaħseb li jrid iħalli din id-dinja, jivvjaġġa kwart ta' miljun mil fil-beraħ, fil-baħħ u fil-ħemda, jasal fuq il-qamar, jinżel fuqu bla ma jaf x'se jsib u kif inhi dik l-art ta' hemm, imbagħad irid jerġa' jogħla minn wiċċ il-qamar u jtenni t-triq lejn id-dinja u meta joqrob 'il hawn jeħtieġlu jifred l-atmosfera b'saħħa li tikwi l-ħadid, allura wieħed ikollu daqsxejn ta' ħjiel dwar il-belligħa li tkexkex li l-astronawta jkun dieħel fiha.*

*Imma dan il-biża' ma qatax qalb il-bniedem, u fis-17 ta' Lulju tas-sena 1969, rajna b'għajnejna fuq it-televiżjoni minn hawn Malta, it-tliet astronawti qalbiena Neil Armstrong, Edwin Aldrin, u Michael Collins, Amerikani, jieħdu x-xejra fl-univers u jtiru għall-qamar, rajniehom sejrin sa ma waslu ħdejn il-qamar, fejn tnejn minnhom ħarġu mill-mirkeb tagħhom, Apollo 11, daħlu f'biċċa inġenji żgħira, il-'Module Eagle', niżlu fiha fuq wiċċ il-qamar u lmaħna lil Armstrong imidd riġlu fuq il-qiegħa ta' dik l-art għariba, u jxandar l-ewwel kliem minn hemm.*

*Ħadd ma jista' jfisser sewwa x'ġarrbet qalb il-bniedem f'dak il-ħin meta rat isseħħ dik il-ġrajja li twettqet l-ewwel darba minn mindu l-bniedem tgħallem jimxi wieqaf fuq saqajh.*

*Dak l-ewwel pass li Armstrong medd fuq il-qamar ma hux it-tmiem ta' ventura tal-għaġeb, imma hu l-ftuħ tal-bieb ta' l-univers; hu t-tokk li minnu jitilqu toroq għal dinjiet oħrajn, għax il-bniedem minnu nnifsu hu magħmul hekk li minn fuq l-ewwel skaluna jrid jitla' għat-tieni u jibqa' jitla' u jogħla u jimraħ 'il fuq. "Excelsior!" hu l-għan ta' moħħ il-bniedem tal-lum. Issa tlaqna u la tlaqna jeħtieġ nibqgħu sejrin 'il fuq dejjem 'il fuq. Il-moħħ tagħna jitħawwad u jintilef fil-għaġeb meta jaħseb fid-dinjiet l-oħra li l-bniedem għad jilħaq.*

*Imma l-mawriet tal-bniedem f'dawk id-dinjiet l-oħra li huma lesti biex jilqgħuh, għandhom inisslu f'qalbu sentimenti ta' ħrara, ta' għoġba u ta' qima lejn il-kobor bla qies tal-Mulej.*

---

# KIF JISBAĦ GĦADA

*Ta'* OLIVER FRIGGIERI

Kont għadni f'nofs il-ġirja tat-tfulija
meta ħassejt ġo fija
titwieled l-ewwel għanja...
...u għannejtha b'qalb mimlija
bil-ferħ ewlien tas-snin.

U kbirt...
u l-għanja tat-tfulija kibret miegħi...
iżda f'żgħożiti
tilfet ħajr iż-żgħożija
għax min għannieha
dbiel meta kellu jwarrad.

Illum
għadni ngħanniha l-għanja
kif f'sidri nħoss is-sħana tan-nifs tagħha.

Iżda kif jisbaħ għada...
jdubu dliel is-seħer taż-żgħożija
u tnin it-tama li ttamajt il-bieraħ...
min jaf tmutx kmieni fija
ir-ruħ tal-poeżija,...
u nibqa' bla ma ngħanni
Il-għanja tar-rġulija?...

# ORIZZONT ĠDID

*Ta'* KARMENU ELLUL GALEA

Qamar sbejjaħ x'inti ħiemed
bid-dmugħ nieżel ma' ħaddejk!
Milli tidher xejn m'int hieni
li llum tlajna ftit sa ħdejk!

* * *

Issa ġgarfet saltnatek moħbija
u maqtugħa mill-għagħa tal-bnedmin,
il-fruntieri tal-bogħod u l-ispazju
għalik iżjed ma jiġu mħaddmin.

Dehen il-bniedem, ja qamar, sa fl-aħħar
temm ix-xewqa li jbuslek ħaddejk,
u bil-għodod tal-ħila wil-qawwa
qiegħed jiżen il-polz ta' idejk.

Tistħix minna, taħbix iżjed wiċċek,
f'kull ma nħoloq u ssawwar hemm ħsieb;
l-univers win-natura f'kull moħba
b'sengħa kbira hejjew u ħbew bieb.

Għid, ja qamar — dan jibqa' bejnietna —
qatt xi darba kont toħlom bin-nies?!!
Jew li ġufek jinfetaħ għall-ħajja,
jew tissaffa bil-pala wil-fies?!!

Int ukoll taħt id-dwiefer tal-bniedem
inqbadt fl-aħħar għax-xogħol wit-tiftix.
Xammar drieghek, sinn snienek għall-ħidma;
la qbadniek, ifraħ magħna, tibkix!

Hawn fuq sidrek, ma' qalbek ftaħnielek
il-bandiera li b'ħuna nagħrfuk,
u mal-ħlejjaq fis-sejħa għall-paċi
tishar magħna għall-ġid irriduk!

Ara d-djar, din il-ħajja, dal-faqar,
tgħidx fid-dinja x'għad baqa' xi jsir.
ara l-aħwa jitbiċċru ma' l-aħwa,
għadu l-bniedem ta' xejnu lsir.

Tistmerrx demmna wil-qrusa t'għemilna
għax ġa forsi qed jaqtgħu nifsejk.
Xorta l-ħajja titlajja, titwieżen
ukoll kieku twelidna f'riġlejk.

Issa magħna trid taħdem u tilheġ
fl-eħrex ġlieda li tqajjem lir-ruħ
ħalli ninfdu l-fruntieri, l-ispazju
li b'għajb għadhom ijassru l-imħuħ.

Din tkun l-aħħar taqbida ma' nfusna
xħin ninbidlu minn bhejjem f'bnedmin
u titbierek miġjietna ġo nofsok
bħala l-bidu misjur tat-twemmin!

* * *

Hemm imbagħad ja qamar sbejjaħ
il-ferħ jilma f'ħbub għajnejk
xħin ma' sidrek trossna, tbusna
u tbenninna f'qiegħ idejk!

21/7/69.

---

# ĦOLQIEN

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

Fil-bidu kien Hu, waħdu,
il-ħsieb li ma jaqtax;
jimla l-wesgħat bla tmiem
tal-ispazju mudlam;
u ħassu għajjien,
waqt li gerrbu l-miljuni tas-snin,
għad li minnu nnifsu l-bidu u t-tmiem.
Biex jehda mit-titwib tal-ispirtu għajjien,
bħal tfajjel miġruħ,
beda jilgħab:
Ħoloq ġugarelli: t-trab tal-ispazju,
il-kwiekeb iduru fuq fus dwar xulxin,
u strieħ mill-għeja u t-titwib
xħin ra kollox qed joqgħod għal fehma tal-ħsieb
li kien Hu.

U dehru ħwejjeġ tal-għaġeb kullimkien:
    id-dlam stenbaħ u ċċarrat
    bid-dwal u bl-ilwien.
    Biss ħliefu ħadd ma kien hemm biex jarahom;
    u gerrbu l-miljuni tas-snin
    tul il-kurituri tad-dwiem,
    u rega' t-titwib tal-ispirtu għajjien.

Imkabbar b'għemilu setgħan,
    bħal pittur jew skultur
    li jagħġen mit-trab
    dehriet li jsaħħru l-għajnejn
    ried
    li jkun hemm min jagħraf il-fehma w il-ħsieb;
    min isib u jinqeda bil-fehma w bil-ħsieb;
    min jagħraf is-setgħa
    li tagħġen ix-xejn
    u twelled is-seħer
    li jgħammex l-għajnejn!

U tul il-miljuni tas-snin
    li gerrbu fil-kurituri tad-dwiem,
    fantas il-ħolqien
    ta' ħlejqa bir-ruħ u bil-moħħ
    bir-rieda w bil-ġmiel.
    Ħareġ trab'oħra mix-xejn,
    qegħ'dha fil-wisa' titħarrek u ddur
    immejla kemm kemm fuq il-fus,
    bogħ'd kemm jeħtieġ mill-blalen tan-nar;
    dawwarha bis-saffi tal-arja għan-nifs,
    u taha ilma ġieri kullimkien.
    Meta żejjen kemm felaħ u ra li kollox kien sew,
    laqqa' trabijiet flimkien
    u feraħ
    xħin rahom jitħarrku fl-ilmijiet,
    jinqdew bil-fehma u bil-ħsieb li kien Hu,
    biex jikbru u joktru w jiżdiedu kullimkien . . .

U gerrbu l-miljuni tas-snin
    u dehret il-ħdura ssebbaħ kullimkien
    fuq iġbla w witgħat.
    U taħt il-ħdura w ġo fiha,
    bdew jitħarrku ħlejqiet u jiġru,

jilagħbu, joqomsu w ħelwin
xi daqqiet jitqatlu mġelldin
bla ħsieb, bla fehma, bla rieda.

U gerrbu l-miljuni tas-snin,
u bil-fehma w bil-ħsieb li kien Hu,
il-ħsieb, il-fehma w ir-rieda
tnisslu f'Adam,
li stenbaħ xħin ried il-Ħallieq
u ħares, stagħġeb, twaħħax, issaħħar,
tgħallem ftit ftit,
u kien xbieha tiegħu
bil-fehma, bil-ħsieb, bir-rieda w bir-ruħ.
U feraħ il-Ħallieq
u t-titwib tal-ispirtu ħallieh,
u iktar issaħħar xħin ra
kif in-nisel t'Adam
medd it-toqol tal-ħsieb
għall-art, u ftit ftit
sab l-għerf li kien fih
u nqeda bil-fehma w bil-ħsieb li kien Hu
biex joħroġ fil-wisa' tal-wesgħa tad-dwiem,
u feraħ, u feraħ u feraħ,
u mtela bis-sliem!

Settembru, 1969.

---

## "ERRATA CORRIGE"

L-awtur tal-poeżija "*Fantasija u Realtà*" li dehret fil-ħarġa ta' Ġunju, talabna biex nagħmlu dawn il-korrezzjonijiet li ġejjin fil-poeżija tiegħu:

Fil-ħames strofa l-kelma "*stinka*" trid tidħol flok il-kelma "*ħabrek*". Fl-istrofa disgħa l-kelma "*ċarċar*" trid tinbidel f' "*agħar*", filwaqt li fl-aħħar strofa flok il-kelma "*sinċier*" trid issir "*fier*".

# L-ANĠLU U X-XITAN

*Ta'* PAWLU MIFSUD

Hu kien laħaq kap f'dak l-uffiċċju. Hu. Is-Sur Manwel Borges, raġel ta' erbgħin sena, bejn qasir u mhux, bejn oħxon u rqiq, bejn ikreh u sabiħ. Fuq kollox għażeb. U qabel kull ħaġ'oħra bniedem ta' kuxjenza. Jaħdem daqs min jaħdem, u jaf jorganizza kull fejn ikun, u x-xogħol dejjem miexi ħarir. Il-ħmerija kienet li dawk li kienu jinzertaw miegħu kienu jitmeżmżu nitfa waħda minħabba li kien ikollhom isistu huma wkoll. Mhux li se jaqtgħu l-blat jew se jherru saħħithom. Imma kienu jridu jaħdmu dik in-naqra waħda iktar missoltu, iktar milli kienu jixtiequ, iktar milli kienu mdorrijin.

U issa kien laħaq kap u bagħtuh f'uffiċċju fejn sab ruħu mdawwar minn ġemgħa żgħażagħ tajpisti u skrivani kollha għadhom tarjin, kollha fl-aħjar tagħhom, u aktarx li s-sitta li kienu moħħ ir-riħ. Imma s-Sur Manwel ma ħabbelx rasu u mill-ewwel erħielha jdur magħhom u jfihemhom bil-kwiet u bl-edukazzjoni kollha dak li kien jippretendi minnhom. Minn kull wieħed u waħda minnhom. Xogħol nadif, magħmul bil-għaqal, mingħajr xejn għaġġla imma ma jaqtax u ma jibqax lura. Ma kienx se jħabbel moħħu jekk kultant jiċċajtaw xi waħda bejniethom sakemm ma jkunx hemm esaġerazzjoni u dak li jingħad ma jkunx iħammar il-wiċċ ta' min jisma'.

Mis-sitta li kien hemm jaħdmu fl-uffiċċju tas-sur Manwel, erbgħa kienu tfajliet, taħlita ta' tnejn koroh u tnejn sbieħ. It-tnejn l-oħra kienu ġuvintur li xejn ma jimporta jekk kinux ħelwin jew le. Għal min hu raġel mhix ħaġa ta' ħtieġa kbira li jkun gustuż, iktar jaqbillu jkun bieżel, ta' karattru sod u jaf x'għandu jagħmel biex jaqdef 'il quddiem kemm jista' fil-ħajja. Minnhom is-sitta kien hemm waħda mill-koroh li ħadet grazzja mal-prinċipal ma' l-ewwel daqqa t'għajn li tatu u waħħlitha f'moħħha li taħdem u tistinka biex togħġbu kemm tista'. Ma rridx naħseb li kellha xi tir f'rasha, ngħidu aħna, li tiżżewġu, ladarba s-Sur Manwel kien jiġi missierha miż-żmien. U kieku stess wieħed irid jifhem li hu kien jitbażża' tant min-nisa li f'moħħu kien ilu li fassalha li jibqa' jgħix mingħajr mara sat-tmiem ta' ħajtu. Imma biex inkomplu bil-ġrajja tagħna, nissuktaw ngħidu li kien hemm ukoll waħda mit-tfajliet is-sbieħ li bagħditu f'qalbha ċumm blumm. Hekk, bla ebda raġuni ta' xejn, jew għax forsi kienet tarah ikreh f'għajnejha. U għaldaqstant, waħħlitha f'rasha li titnikker kemm tiflaħ fix-xogħol biex tinkih u tarah jinkwieta. U tieħu gost u pjaċir hi fil-qalb kapriċċuża li kellha.

L-erbgħa l-oħra, iż-żewġ tfajliet li kien fadal u ż-żewġ ġuvintur ma kienu jinkwitaw xejn. Għalihom is-Sur Manwel u s-Sur Paċikk u

s-Sur Tumas kien kollu wieħed. Jagħmlu dak li għandhom jagħmlu u barra bid-daqq.

Imma mhux hekk kienu t-tnejn li semmejna: il-kerha kienet dejjem tindiehes mal-kap tagħha mill-aħjar li tista', iddur bih u taqdih f'kollox u f'ħakka t'għajn, taqbeż għalih ma' sħabha l-iktar meta ma jkunx hemm hu. U sikwit tiġġiel d ma' sehbitha s-sabiħa li kienet tiddieħek bis-Sur Manwel bla mistħija ta' xejn imqar f'wiċċu f'xi waqtiet. Kont tistenna li dawn it-tnejn għad xi darba jaqbdu f'xulxin u jagħtu daqqtejn ukoll. U dan kollu minħabba l-prinċipal tagħhom: is-sur Manwel Borges.

Kif għedna, ladarba dan is-Sur Manwel ma kienx xi baħnan u għajnejh kienu jkunu dejjem nofshom miftuħa għalli jkun qed jiġri madwaru, malajr intebah bl-affari kollha. Fehem dlonk li t-tfajla l-kerha kienet lesta biex tħalli ħajjitha għalih u li t-tfajla s-sabiħa kienet tixtieq tarah mgħallaq f'nofs ta' misraħ. U mingħajr ma qagħad jagħti każ iżżejjed u jgħarbel għaliex hekk u mhux hekk, baqa' biex ma jurihom b'xejn. La lilhom it-tnejn u lanqas lill-erbgħa l-oħra. U x-xhur baqgħu jgerrbu, ix-xogħol mexa tajjeb, u l-ħajja ndrat. Indrat minn kulħadd. Sakemm......

Sakemm jum fost l-oħrajn ġrat ħaġa li qalbet il-folja ta' taħt fuq u r-rota li kienet iddur mix-xellug għal-lemin waqfet u ħadet x-xejra kontra u bdiet iddur mil-lemin għax-xellug. Tgħiduli x'ġara sewwa mela? Ġara li meta s-Sur Manwel ġie mitlub jirrikkmanda waħda mit-tfajliet tajpisti li kellu ħalli tilħaq fi grad ogħla u tmur taħdem f'dipartiment aqwa, hu ma rahiex bi kbira li jirrikkmanda bi sħiħ lil dik it-tfajla s-sabiħa. Lil dik li ma kellhiex grazzja miegħu. U sar kif qal hu. It-tfajla s-sabiħa laħqet u marret minn hemm u flokha tawh ġuvni li bħall-erbgħa l-oħra ma kienx jimpurtah wisq min kien il-kap ta' l-uffiċċju tiegħu sakemm hu jagħmel dmiru.

Imma ġara wkoll li s-Sur Manwel ma kienx għad baqagħlu min iħobbu mħabba barranija fl-uffiċċju għax it-tfajla l-kerha kienet ħaditha bi kbira wisq li l-oħra ħadet ħlas tajjeb meta fis-sewwa ma kienx ħaqqha. Hi kien jixirqilha wisq iktar minn dik. U minn dak il-waqt it-tfajla l-kerha tfanstet bi sħiħ u lis-Sur Manwel ma baqgħetx iżżiegħel bih għalkemm ma nistgħux ngħidu li saret toboghdu.

It-tfajla s-sabiħa, għalkemm mistagħġba hi wkoll għal dak l-għemil stramb tas-Sur Manwel, fehmet li hu kien ħeles minnha pulit pulit. Sab l-okkażjoni u taha l-addiju minnufih. Kien x'kien, l-istmerrija li kellha għas-sur Manwel kienet intemmet u kull meta tarah kienet tieqaf tkellmu u tifraħ bih qisha ltaqgħet ma' l-anġlu kustodju tagħha. Imma hu kien jeħles u jaħrab minnha fi ftit żmien u dejjem iġibilha l-iskuża li kien ikun mgħaġġel. Mgħaġġel biex jiskansa minnha. Tfajla anġlu bħal dik! Jew aħjar tfajla xitan bħal dik!

# IL-GĦANJA TAL-KONTINENTI LIL MARIJA

*Ta'* VAL. V. BARBARA O.P.

I

**Tidħol qajl qajl** l-EWROPA, **in-niket miktub fuq wiċċha, b'ward** "ħamrani" **f'idejha, issellem u tgħid:**

Fittixt ward abjad kullimkien, Madonna:
Staqsejt u dħalt fil-ġonna
Sbieħ ta' l-Ewropa, u fuq ix-xtut mort niġri
Tas-Senna u tad-Danubju,
Tat-Tevri u tat-Tamiġi,
Nistaqsi u nfittex ward ifuħ bajdani;
'Ma ħadd widen ma tani,
Għax fuq kull art ta' din l-Ewropa xiħa
Jikber biss ward ħamrani
Li fwieħtu qisha r-riħa
Tad-demm imxerred minn ġol-qlub taż-żgħażagħ,
Vittmi tal-għira, tal-mibegħda u l-herra
Li magħha ġġib il-gwerra.
U jiena,
Kontra x-xejriet ta' mħabbti, kelli naqta'
Minn dan il-ward tad-demm!
Kemm xtaqtu kien bajdani, o Marija!
'Ma xorta noffrihulek,
F'riġlejk inqegħidhulek,
Biex floku tagħti s-sliema lill-Ewropa
Li kemm-il darba ħasset
Fuq artha 'l hawn u 'l hemm
Ir-rifs ta' riġlejk safja.
Ismagħni, Omm: bil-ħniena int mimlija:
Is-sliem għalik, Marija!

II

**Fuq ruħha** l-AWSTRALJA **tidħol qabbieża, b'ward** "abjad" **f'idejha, issellem u tgħid:**

Sibthulek jien, Madonna, il-ward bajdani
Fl-egħlieqi Awstraljani;
Dħalt qalb ix-xgħir u l-qamħ ta' dik l-art żgħira

Li ġġib il-għira
Lil artijiet bil-bosta akbar minnha,
U qtajt u qtajt u qtajt
Ward abjad daqs kemm stajt.
Dammejtu f'ħodon u bil-ferħ rassejtu
Ma' qalbi u bistu,
Imbagħ'd libbistu
Bir-riħa ħelwa li fix-xahar ta' Mejju
Tfewwaħ il-plejju;
U ġibtu lilek, Omm ta' l-isbaħ għaxqa.
Fuqu stampawlek bewsa t'għożża kbira
Il-koala u l-kangaroo;
Qaluli ngħidlek illi huma wkoll
**Kienu jħobbu 'l Ġesù**
Kieku kellhom id-deh'n li għandu l-bniedem,
Li bih, jaħasra,
Qiegħed jinqeda biex għatxan ifittex
Għodda ġodda ta' niket, qirda u mewt.
Oh, ilqa' dan il-ward, ja Omm ħanina,
U floku 'tina
Il-paċi hekk mixtieqa, is-sliem tal-ġenna
Li bih kulħadd jithenna.
Isma' dat-talb, ja Omm b'kull ħajr mimlija;
Is-sliem għalik, Marija!

III

**B'mixja meqjusa tidħol u tersaq** l-AMERIKA, **f'idejha ward imżewwaq ta' bosta lwien, issellem u tgħid:**

Il-ward tiegħi, Madonna,
ġibthulek imżewwaq bl-ilwien kollha li stajt insib
f'dik l-art kbira u għanja
li tifrex tulha minn pol għal ieħor taż-żewġ emisferi.
Inżlit mill-Yukon għall-Mississippi,
mill-Amażon għall-Paranà,
u dejjem bi sbuħitek quddiem għajnejja,
fittixt li naqtagħlek il-ward
ta' l-ilwien kollha li tħobb inti.
Ġbartlek l-abjad minn ġos-silġ dejjem ileqq ta' l-Alaska,
l-isfar minn qalb il-qamħ dehbieni tal-għelieqi bla tarf tal-Kanada,
l-iżraq mix-xtajtiet daħkana, imsaħħna bil-bewsa xemxija tal-Kalifornja, tal-Ħawaj, tal-Baħama u ta' Kuba,
sibtlek l-isbaħ werqat ħadrana minn qalb il-kaktus kburi tal-Messiku,
għażilt l-ogħna ward aħmar demmi li jikber taħt is-siġra tax-xemx

qalila fil-Veneżwela u fil-Kolombja,
slitt il-blanzuni kannella mill-oqsma tal-kafè tal-Brażil u tal-Perù,
raxxejt fuq kollox il-fwieħa ta' l-aktar ħxejjex rari ta' l-Arġentina,
imbagħad irbatt il-ward kollu
bi ħjut ta' l-azzar
li jinsab fil-minjieri ta' l-Istati Magħquda.
U hawn f'riġlejk, Marija,
qalb dan it-tiżwiq kollu,
qalb dawn il-fjuri ta' kull għamla u sura,
qegħidtlek l-isbaħ warda:
il-qalb amerikana.
Hi qalb imfawra bl-ogħla ħsus ta' mħabba
li jdewbu fi griżmejja l-isbaħ kliem.
Għalhekk ma ngħidlekx iżjed,
biżżejjed hekk għalija:
Is-sliem għalik, Marija!

IV

**Tidħol** l-ASJA, **b'ħafna ċaqliq ta' ras u idejn, b'mixja rżina li tixhed il-għaqal u l-ħsieb, b'ward** "safrani" **f'idejha; issellem u tgħid:**

Mil-Lvant kull ma hu għani
Ġibthulek hawn, Madonna;
Mhux deh'b u lanqas fidda,
'Ma l-frott sabiħ tal-ġonna.
U l-isbaħ frotta fosthom,
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
Kien hemm ukoll l-ibiskus
Tal-Ġappun, umli u twajjeb,
U l-werqa tal-banjana
Li fl-Indja qatt titgħajjeb
Ried jiġi wkoll il-lotus
Għażiż tal-Filippini,
U mill-Għarabja t-tamla
u l-ħxejjex l-aktar fini.
Il-gżejjer tal-Paċifiku
Ried jiġu għarkobbtejhom
Sabiex juruk li inti
Il-mimmi ta' għajnejhom.
'Ma ġibtlek biss miċ-Ċina
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
Oh, xtaqt ukoll li ġibtlek
Il-perli minn kull plajja,
U l-bjuda mingħajr nikta
Tas-silġ ta' l-Imalajja.
L-avorju ridt inġiblek
Mis-snien ta' l-iljunfanti,
U l-ġilda tal-pantera,
U r-rix tal-għasfur ġganti.
'Ma ġibtlek biss, Madonna,
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
U waqt li noffrihielek
Bl-eqdes wirjiet ta' qima,
Ilqa' mill-qalb ta' l-Asja,
Madonna, dit-tislima:
Wara Alla, int l-isbaħ dija:
Is-sliem għalik, Marija!

V

**Tidħol** l-AFRIKA, **bi tbissima safja ta' bint li taf tisraq qalb ommha bi mħabbitha bla dell, b'ħannieqa ta' ward abjad f'idejha, tibqa' riesqa dritt lejn il-Madonna, tinżel għarkobbtejha kokka fl-art, tqum, bi ħlewwa li ma bħalha u bil-qajla tqiegħed il-ħannieqa tal-ward madwar għonq Marija, tbus 'il Ġesù li jkollha f'dirgħajha fuq sidru, terġa' tinżel fl-art, tbus riġlejn Marija, terfa' għajnejha u idejha mgħaqqdin flimkien lejha, u tgħid:**

Madonna, kemm inħobbok!
Is-sliem għalik, Marija!

**L-erbgħa l-oħra jibqgħu jħarsu lejha, mistagħġba.**

# SAQAF IQATTAR

*Ta'* AMANTE BUONTEMPO

Qattar, ja ilma tas-saqaf,
qattar bil-lejl u bin-nhar:
xbieha ta' demmi li waqaf
jara m'nejn nieżel l-imrar.

Kompli qattarli bla heda
l-għajta ta' ħsejjes ir-ruħ;
tambar fuq rasi bħal xehda
l-għasel ta' nixfet id-dmugħ.

Miegħek smajt jonfoħ madwari,
fl-aqwa tar-rwiefen, is-skiet:
miegħek rajt tnemnem fix-xagħri
leħħa ta' ħajja li nfniet.

Smajtek tħabbarli tal-ġlieda
l-aħħar taqtigħa fil-qrib:
rajtek twassalli tax-xhieda
kitbet is-sewwa ħabib.

Tnixxi mal-ilma li jqattar,
smajt il-ħurħara tal-qerq,
ħalli kif nibda nitmattar,
nifhem l-imgħoddi mill-għerq.

Xejn m'huwa mgħallem tal-ħajja
daqsek, ja qatra li tmut;
ħadd m'hu rebbieħ fuq it-tbajja'
bħalek, ja ilma tal-bjut.

Inti għallimtni nistenna
l-għana tat-telfa tal-ħin:
inti saqqejtli tal-Ġenna
xitel it-tama li tnin.

X'jiswa li tiskot u tieqaf,
meta trid tqattar mill-ġdid?!
Bħalek, bil-qiegħda jew wieqaf,
naqdi bis-saħħa w marid!

Bħalek kull naqra ta' tjieba
timla sax-xifer barmil:
filli jitbattal ġo ġiebja,
filli jinħela f'ħasil.

Imma bil-ħoss ta' kull qatra
jikxef moħbietu kull żmien;
w inti stampajtli fis-satra
l-isem li juri min jien.

Fhimt tul il-lejl li qattartli,
ilma tas-saqaf ġerrej,
l'inti bi kliemek bassartli
x'rebħa nistenna f'li ġej.

13/5/1969.

# ITTRA TAS-SUR ROB. MIFSUD BONNICI

Sena ilu miet il-Membru Akkademiku s-Sur Robert Mifsud Bonnici, P.E.P., kittieb magħruf u msemmi għal bosta xogħlijiet li ħalla lill-qarrejja bil-Malti.

Sur Rob. Mifsud Bonnici kien raġel sewwa, dħuli, ferrieħi, ħabib ta' kulħadd. Kellu ħbieb li jgħożżuh mhux biss f'Malta imma barra wkoll u ħafna minnhom kienu dlonk jiktbulu għal xi parir jew aħbar.

Il-ħabib tagħna s-Sur Dwardu Zarb ta' Toronto, Kanada, bagħtilna din l-ittra li hu kien irċieva minn għand is-Sur Robert Mifsud Bonnici qabel ma dan miet u minnha jidher kemm is-Sur Mifsud Bonnici kien jieħu interess fil-Maltin ta' barra u kemm kien lest biex iwasslilhom aħbarijiet dwar art twelidhom.

70 Villa Ambrosa, Hamrun.
11 ta' Mejju, 1962.

Għażiż Dwardu Zarb,

Waslitli l-ittra tiegħek tat-28 ta' April. Grazzi ħafna ta' l-attenzjoni tiegħek lejja. Emminni, ikwetajt ruħi, li inti għadek ma rċevejtx l-kotba li jien bgħattlek b'kemm jiswew ftit iktar minn żewġ liri u ħallast posta għalihom erba' xelini u nofs barra minn xelin u nofs ieħor ta' l-ittra bl-ajru. Il-kotba sarrhomli s-Sur Joe Galea tal-Bibljoteka. Nistagħġeb għadda xahar u ma waslux! Nittama li sa ma tasallek din l-ittra l-kotba tkun ġa rċevejthom.

Illum, abbonajtek fil-"Il-Berqa". L-inqas abbonament hu għal sitt xhur. Ħlas bil-quddiem £2.5.6. Hawn issib l-irċevuta.

Dwar id-Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali li qiegħed joħroġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni f'żewġ kolonni fir-Review tliet darbiet flok darbtejn fix-xahar; iżda, xi ħbieb interessati qegħdin jaħdmu biex issir interpellanza fil-Parlament b'talba biex il-Gvern jieħu ħsiebu u jippubblikah fl-inqas żmien billi huwa ta' interess nazzjonali u ta' riferenza kontinwa. Infatti, illum stess irċevejt ittra interessanti ħafna. Giuseppe Camilleri miż-Żejtun talabni tagħrif iżjed dwar ċertu Monsinjur Bonito, Isqof għaref Malti tas-seklu XVI, trabba f'Malta fl-Ordni Serafiku ta' l-Osservaturi Minuri. Iż-Żejtun hemm sqaq jismu Sqaq Bonito u jinsabu xi familji fl-istess Raħal bil-laqam "Ta' Bonito". Barra minn dan, Camilleri żied għarrafni, li fil-Gwerra 1939-1945, fl-1940, il-"War Office" riedu jafu jekk dan Sqaq Bonito hux imsemmi f'ġieh Nussolini BENITO!! Iżda, il-"War Office" infurmat uffiċjalment li dan l-isem ilu minn żmien żemżem, il-kwistjoni waqfet hawn. Issa inti għidtli l-aħħar numru li int għandek tad-Dizzjunarju biex nibgħatlek il-kumplament imma bil-baħar għax bl-ajru l-posta għalja wisq: xelin u nofs kull nofs uqija!

Attwalment qiegħed nistampa fit-"Times of Malta" pamphlet bil-Malti, Traduzzjoni ta' konferenza li għamel il-Provinċjal Professur Serafin Zarb O.P. fit-Teatru ta' l-Università fein kien hemm preżenti l-Isqfijiet ta' Malta, ir-Rettur ta' l-Università, Imħallfin, u l-aqwa studjużi. Is-suġġett kien fuq il-ħtieġa assoluta ta' Kalendarju Rifurmat. Suġġett xjentifiku immensament iżda irraġunat

b'mod l-iktar sempliċi, li dak li kienu jaraw insormontabbli għaraf jispjegah b'faċilità u prattiċità daqs dik ta' Kristofru Kolombu u l-bajda wieqfa.

Bla ma naf kif, wara l-konferenza tlabtu jagħtini l-iscript biex nagħmel ġabra minnu bil-Malti u nġibha fil-"Leħen". Għoġobtu u taħieli, qalli:— IBŻAGĦLI GĦALIHA GĦAX MA GĦANDIX ĦLIEFHA. XOGĦOL TA' GĦAXAR SNIN. Ġieżu Marija! Ħaġa qatt ma ġratli. Aktar ma bżajt għaliha aktar tliftha! Inqtajt u bil-ġirja, jien u n-neputi ħriġna niġru nfittxuha u fl-aħħar Sant'Antnin sabhielna. Kienet mirfusa u mixħuta b'daqqa ta' sieq taħt l-ewwel tarġa taz-zuntier tal-knisja tal-Ħamrun. Fraħt iktar milli kieku rbaħt kwatern.

Tal-għaġeb! F'jumejn ittraduċejtha; qrajtha lill-awtur, għoġbitu ħafna u skanta mhux ftit . . . u raddejtlu l-iscript bla ma tarraftlu xejn. Malli jkun lest nibgħatlek kopja.

Baqa' ftit tal-wisa' ieħor għad li daqq nofs il-lejl. Hareġ ir-riżultat tal-Konkors tad-Drammi mniedi mill-Kumitat tat-Teatru Manoel taparsi għall-inkoraġġiment tal-kittieba, għat-tagħlim tal-kotra u għal-letteratura tal-kitba tal-Palk. Jien ħriġt balliju! Daqs kemm l-eżaminaturi rawha morali għoġobhom igħammdu l-Kummiedja soċjali tiegħi bit-titlu ta' "banali" ! B'danakollu, jien għamilt il-kritika tiegħi taħt forma ta' ĦOLMA B'INHAR għandha tidher fil-"Il-Berqa" l-ġimgħa d-dieħla.

Għajnejja qegħdin jintgħalqu bin-ngħas. Inkomplu darb'oħra. Inselli għalik. Itlob għalija.

Saħħa.

R.M.B.

---

# ROKKU

*Ta' JOHN SCIBERRAS*

Kont nafu 'l Rokku!
B'sellum fuq spalltu,
b'barmil f'idejh mimli bil-pniezel kbar,
bil-ġir fuq wiċċu u mal-ħġieġ tan-nuċċali,
(għax kien bajjâd)
b'qalziet sewdieni mraqqa' u qmis griża,
kultant kont nilmħu għaddej......
minn xogħol għal xogħol!
M'għamilx għeġubijiet li jsaħħru Rokku
u lanqas ra dehriet
jew bassar il-ġejjieni......

B'dankollu (għalija) kien qaddis fuq l-art.

Mulej, nittama li bħalissa qiegħed
ibajjadlek il-Ġenna
bis-safa ta' ruħu!
Fejn taf kemm kien ħabrieki!

# FTIT ILĦNA U DRAWWIET TA' TJUR U BHEJJEM

*Ta'* G. MIFSUD BONNICI

Is-serduk ibakkar *jidden*!
— Qawmien kmieni jiswa, ħtieġa —
Aktar tard iddur mal-qoffa.
Tisma' *tqaqi* lit-tiġieġa.

Il-fellus minn taħt il-qroqqa
joħroġ rasu, jibda *jċejjaq*.
Il-ħamiem, fil-barumbara.
Bil-*garr* juri l-ferħ u d-dwejjaq.

Ċaflas u għaffeġ paprù u *laqlaq*,
Wara ntefa' fl-ilma u tbaħbaħ;
Hekk għal qalbek tgħum u ċċafċaf;
Għozz kemm tiflaħ, tbaħbaħ, tbaħbaħ.

* * *

Qalb il-qamħ, iż-żara' u silla
Tisma' *ttaqtaq* lis-summiena,
Fuq xi fergħa, qalb is-siġar
Tisma' *tberqem* lill-gamiema.

Għad li qalbha m'hix muġugħa
M'hix ħlief *tingħi* l-venewwa;
Flok is-siġar tfitx il-qiegħa.
Hekk għall-beraħ tħossha sewwa.

Tofroq ibħra ttir u *twezwez*
Sakemm tilħaq l-art l-alwetta.
U kif tasal taqa' mejta
Taħt it-tir tal-ixkubetta!

*Tgħanni* l-bilbla wieqfa fl-ajru,
Ġewwa d-dija tas-smewwiet.
L-għana tagħha ħajr 'l Alla!
Jimla 'l qlubna bil-ħlewwiet.

Il-kalandra mdaqqsa ġmielha;
Dejjem sejra ma taqtax;
*Tgħanni* u *ssajjar* l-għana kollu
Ta' l-għasafar, ma tixbax.

Pappagal *itenni lsienek*,
Iżda 'l kliemek ma jifhmux.
Pappagalli biex jiftiehmu
ma' xulxin ma jitkellmux.

* * *

Fuq il-bejt il-kelb kemm *jinbaħ*
'L hawn 'l hinn jgħasses xejn waqfien.
Il-qattus fil-kċina *jnewwaħ*,
Dejjem lest għal xi ġurdien.

Meta tisma' ż-żiemel *jiżher*
għid l'hu mdejjaq jew bil-ġuħ.
Meta tisma' lill-ħmar jinħaq
għid li xamm mill-bogħod lil ħuh.

Għalkemm kliem m'għandhomx il-bhejjem
Ma' xulxin jiftiehmu dejjem!

---

# ĦSIBIJIET U FANTASIJA

*Ta'* SALVINU SCHEMBRI

X'fantasija ta' ħsieb! erwieħ imnikkta
jidhru fatati bojod, f'għonqhom demm
inixxi, b'gidmet il-vampiri, donnhom
bħal dawk li jagħmlu s-sriep li jagħtu s-semm.

Iġsma jintemmu taħt l-għotjien ta' l-oqbra
ixoqqu d-demm minn għonqhom migdumin.
Friefet il-lejl iħabbtu mal-fantażmi
waqt li skeletri jħebbu għal xulxin.

Ċpar u ċpar biss w għerien taħt l-art moħbija
waqt illi l-ilma jagħli jbaqbaq sħun,
Caron jillanċa lill-mejtin fantażmi
jgħaddi bl-erwieħ mitlufa bħal miġnun.

Iħirża f'nofs ta' lejl fid-dawl ta' qamar
l-inkubi donnhom tagħhom jitfgħu dell.
Ċipressi li fuq l-oqbra d-dell jifirxu
kruhithom fl-għalqa tal-mejtin tistmell.

Ċarċir ta' demm; biki ta' dmugħ il-ħajja
jitħallew vojta ta' l-imrar il-kwies.
Ħajja mitmuma tofroq l-arja w twerżaq
b'mod illi ma jistgħux jis'mgħuha n-nies.

U ġenn sfrenat mal-għajta kerha mwiegħra
tinstema' mill-għerien bħal mill-intern,
mal-biki ta' l-erwieħ ta' l-indannati
li jkunu jgħażżu snienhom ġo l-infern.

Għajnejn il-qtates jibbru f'lejl id-dalma
titbeżża' tisma' tagħhom it-tinwiħ;
taħseb fil-mewt, u tibża' tisma' l-għajta
u l-karba kerha minn tal-klieb l-inwiħ.

X'fantasija ta' ħsieb; erwieħ imnikkta
jidhru fatati bojod, jibku d-dmugħ
bla xejn mistrieħa, irsiera tal-vampiri
li jżuru l-oqbra bil-fatat tar-ruħ!

---

# WARA L-EWWEL XITA

*Lis-Sur NIN CREMONA, D.Lit. (Hon.),*
*Mgħallmi tal-Malti.*

*Ta'* MARJU AGIUS

Tgħaxxaqt niġġerra qalb l-egħlieqi jħammru,
Bi bdiewa bieżla bil-moħriet jaħartu:
B'oħrajn b'imgħażqa l-ħamrija jqallbu
Kulħadd ġo artu.

Tgħaxxaqt inħares lejn ir-raba' saqwi
Bi ħxejjex sbieħ u kullimkien iħaddru:
Kulħadd ferħan minbarra wħud li kollox
Iħobbu jmaqdru.

Tgħaxxaqt bil-ħoss ta' l-ilma ġieri jserrep
Taħt siġar taż-żebbuġ fil-wied ta' ħdejna
U jċarċar minn ġol-blat fl-għoljiet żgħar tagħna
B'ħarrub imżejna.

Tgħaxxaqt bl-għasafar ferħanin inaqqru;
Bil-lwien ukoll li feġġu minn qawsalla,
U b'xi raħħala qrib il-merħla tagħhom
Ifaħħru 'l Alla!

---

# BALLADA SEWDA

## *(SUNT LACRIMAE RERUM)*

*Ta'* J.P. VASSALLO

B'qalbi bil-hemm magħsura
Madwari jien inħares:
Joqtru bid-demm jien nilmaħ...
Mane, Thekel, Phares.

Mgħawweġ għaddej il-bniedem,
Bid-dnub imfawra s-sorra,
Mgħobbi bil-għajb tas-saħta
Ta' Sodoma u Gomorra.

Tinżel, tinżel ix-xita
U ma tkabbarx żerriegħa:
Fejn ma ddakkarx l-imħabba
Battala tibqa' l-qiegħa.

Bejn id-dawl u d-dalma
Ħluq nara miftuħin,
Li qatt ma redgħu sider
U jisħtu lill-bnedmin.

Ma kienx il-ġuf benniena
Ta' mħabba u ta' mogħdrija,
Iżda maqjel jinten
U ksiħ ta' biċċerija.

U l-omm li tat il-ħajja
Qaċċtitha minn ġol-ġuf,
Eħrex mill-eħrex tigra
Għall-mewt tat il-ħaruf.

O ħalq għalxejn imsawwar
Għax qatt ma jgħajjat "Ma",
Mid-dlam għad-dlam imferragħ,
Qatt t'Alla d-dawl ma ra.

Bħal dudu ġewwa l-fosdqa
Bil-ksieħ il-qalb mismut,
Ħaruf għadu bla tebgħa
Minn ommu ġie misħut.

Nisel ta' qalb bla rażan,
Bin żina, bin il-flus,
Bla dmugħ u bla tifkira
Bħat-tajn int ġejt mirfus.

U min isaltan jidħak,
Jidħak mingħajr mogħdrija,
Jadura l-klieb u l-qtates
Jistmerr ġmiel ta' tarbija.

U l-id li kellha twennes
U ddewwi b'qalb ħanina
Newlet is-semm lill-ħajja
U sinnet is-sikkina.

Ippokrate, quddiemek
Inbaxxu ras misħuta
Għax fik il-qalb u x-xjenza
Dejjem kienu marbuta.

Għalkemm dinek mhux dini
Minn qalbi ntik kull ġieh;
Jien żgur li int f'Elisju
Sibt sebħ u sibt mistrieħ.

Jien nisma' tidwi ragħda,
Kif darba ħass Kajin,
Ħluq il-ħolqien igħajtu:
Tkunu lkoll misħutin.

Intom li ċħadtu l-ħajja
Il-ħajja ma tarawx
Il-ħniena u il-barka
Lilkom ma jesgħux.

Fittixtu l-jedd tal-bniedem,
Kasbartu l-jedd ta' Alla:
Mimlija ġa sax-xifer
Sax-xoffa il-qartalla.

La rġiel u lanqas nisa
Ma jridu jafu b'ra,żna:
Fil-qlub, fl-imħuħ qed tikber
Tal-ħażen ħsid u ħażna.

It-tfal u ż-żgħażagħ torja
Mill-ħażen imdawlin —
Friefet fid-dawl li jagħmi
Jintennu maħruqin.

Tax-xirka tal-qattiela
Il-minkeb jgħum fil-flus,
Jitbaħbaħ u jinħasel
Fl-għalja tad-demm tal-ġnus.

Il-bejjiegħ tad-drogi
Jindafar fuq id-dgħajfin;
Il-bejjiegħ ta' l-armi
Ixewwex il-miġġildin.

Il-bejjiegħ tal-laħam
Ta' ħutu u ta' l-erwieħ . . .
Rekknu, dejjem rekknu:
Qatt barka, qatt mistrieħ.

U Mostru b'ħalqu jinten
U ta' serp il-għajn
Jitmiegħek u jmiegħek
Lil għajru ġewwa t-tajn.

Imnissel minn żewġ xjaten
Ismu misħut: Irkatt,
Bin regħba, bin mibegħda
U ma jaħfirha 'l ħadd.

Bħall-ikreh dud tas-susa,
Iberren bla ma jidher;
Tal-vittma jħalli moħħi
Moħħ u qalb u sider.

'Il bogħod minn Alla l-bniedem
Is-saħta dejjem ġarr
Bħalma ġarr is-saħta
Il-Prinċep Baltasar.

It-twajjeb qed isofri,
Isofri mal-fqajrin;
Għalhekk il-karba toħroġ:
Tkunu lkoll misħutin.

L-imsejken qed isofri:
Kull fejn mitluf iħares,
Nirien hu jilmaħ l-ittri . . .
Mane, Thekel, Phares.

# L-ILSIEN MALTI FL-AWSTRALJA

Fis-sajf li għadda kellna f'Malta l-laqgħa tal-emigranti. Ġew fostna ħutna ta' barra mill-erba' parti tad-dinja u tkellmu fuq il-qagħda u l-ħtiġijiet tal-Maltin imsefrin. Kollha ħassew il-ħtieġa u għarfu s-siwi ta' l-ilsien Malti biex iżommhom magħqudin flimkien u marbutin ma' art twelidhom.

Bħala riżultat ta' dik il-laqgħa tal-emigranti f'Malta osservajna tqanqila b'riżq l-ilsien Malti fost il-Maltin ta' barra, u hawn qegħdin inġibu silta mill-"*Malta Herald*", il-gazzetta tal-Maltin fl-Awstralja:

Dan l-aħħar qed nisimgħu ħafna dwar x'qiegħed isir sabiex il-Malti jingħaraf mill-awtoritajiet edukativi ġewwa l-Awstralja. Fost l-oħrajn, l-aħħar attività li saret f'dan id-dwar kienet il-Lejla Letterarja li nżammet fil-każin tal-Fairfield Melita Association organizzata mis-Sur Bovingdon.

Il-mistieden kelliemi ta' l-unur kien il-Prof. E.C.B. MacLaurin, B.A., M.A.(Cambridge), B.D., wera lis-semmiegħa x'passi jistgħu jittieħdu sabiex il-Malti jiġi introdott hawnhekk, x'għebusijiet nistgħu niltaqgħu magħhom. Wara t-taħdita tiegħu l-Prof. wieġeb għall-mistoqsijiet tas-semmiegħa.

Il-lejla li kienet suċċess kbir tkompliet tiżżewwaq bit-taħditiet ta' Patri Scicluna li qara test tas-suġġett li ngħatalu jismu "L-Istampa u l-Ilsien Malti fl-Awstralja". Is-Sur Ġorġ Chetcuti l-magħruf poeta, qara sensiela mill-isbaħ ta' poeżijiet milli għandna fil-għana Malti, u s-Sur Rodrig Bovingdon qara t-test, "Għaliex il-Malti?!" li fih huwa wera għaliex għandna ngħożżu l-Malti ġo din l-Art. Inqraw ukoll żewġ messaġġi ta' radd il-ħajr mibgħuta apposta għall-okkażjoni mill-Professuri Ġużè Aquilina u Ġużè Galea ta' Malta.

Ħaġa li ġibdet il-ħarsa ta' kulħadd kienet il-wirja ta' kotba letterarji Maltin. Din ukoll sa fejn nafu aħna kienet l-ewwel darba ġo l-Awstralja kollha li pass bħal dan ittieħed minn Malti.

Is-Sur Bovingdon jixtieq jiżżi ħajr lil dawk kollha li għamlu din il-lejla s-suċċess li kienet b'mod speċjali lill-Professur E.C.B. Mac Laurin, lil Patri Scicluna u Ġorġ Chetcuti tas-sehem siewi li ħadu u lis-semmiegħa kollha li sintendi mingħajrhom din il-lejla ma kinetx issir. Is-Sur Bovingdon jirringrazzja lil 'Cleopatra' tax-xewqat sbieħ li ħabbritlu fil-kolonna tagħha.

# "VANITAS VANITATUM"

*Ta'* PAWLU CACHIA

Fil-mewġa li tqalleb il-ġrajja,
Jiżdiedu tal-qerda l-ħakmiet,
Fil-milja tas-setgħa jintilfu,
B'saffejn b'hekk isaħħu l-qawwiet.

Id-dinja moħfija b'għamxietha:
Kull kruha fil-hena mistur,
B'ħaddieħor jinqeda kull bniedem
Fil-mixja qabbieża għall-futur.

Ġa siequ fil-ħondoq ix-xwejjaħ,
Kemmxulu wardietu s-snin qsar,
Bil-ħatar izzappap għar-raqda
U jridha bħal wieħed miż-żgħar.

Iż-żgħażagħ jimirħu f'ġejjieni
Imxarrab b'ta' l-għasel il-ward,
Bit-togħma tal-faraġ l-imħabba:
Id-duwa fid-diqa, fil-mard.

F'ħin wieħed, iż-żmien wisq nebbiexi
Mar-riħ 'l hemm ikerrah l-għaxqiet;
Il-balzmu jinbidel f'ħall qares
Bix-xalar ta' l-għatx ix-xewqiet;

U mħalat kulħadd f'merħla waħda,
Fl-imsaġar imħaddra b'fehmiet
Li jisqu mal-gomma tal-għira
It-thewdin tas-sakra l-ħlewwiet.

Il-mara mal-mera tiddandan;
Miżbugħ il-wiċċ, mkaħħla l-għajnejn
Fil-ħmura tiżżelleġ ix-xoffa,
Bil-fwieħa jiddellku l-idejn.

U b'tektik l-arloġġ iħuf magħha,
Jiddewwed ġisimha bid-dud,
Jixpakka ħaddejha miż-żina,
Suritha f'għuwied it-tebut.

Kif jibqgħu jitgerrbu għan-niżla
Tal-ġenn, ħmerijiet u bluhat,
Mal-Ħakem (*) għad fl-aħħar jixehru:
"Għalina dawk kienu frugħat!"

* Is-Sultan Salamun, li fuq is-sodda tal-mewt stqarr, "Frugħat tal-frugħat u kollox frugħa."

---

# ID-DINJA GĦAJJIET

*Ta'* EMMLE. ATTARD

Bħal dawk il-ħafna isqra
l-bnedmin fil-biża'
ta' xulxin,
u l-ego jfur ġo moħħ.
Id-dinja għajjiet iddur
bil-kotra tal-bnedmin
jaħdmu l-parti
ta' xulxin
fil-fond ta' kemm il-ġrajja
bla realtà.
. . . . U l-ego fgat
idur fil-ħmieġ li ħadem ħuh;
l-ispirtu bla tama tat-temma tax-xewqa
jokrob — jokrob — jokrob
għall-mistrieħ
. . . . tar kollox mar-riħ.
. . . . U ħadt b'id is setgħan
u ħadt b'id il-ġwejjed . . . .
Ġifa.
Bħall-kotra tal bnedmin
fil-biża' ta' xulxin . . . .
id-dinja għajjiet iddur bla VERITÀ'
id-dinja għajjiet . . . .
BNEDMIN!!

# BĦAL SIĠRA

*Ta* JOSEPH SCIBERRAS

Ta daqqa fuq daqqa b'mannara misnuna
sa dgħajjef għal kollox is-saħħa
u l-qawwa li ġabret is-siġra
f'kull ġlieda mar-rjieħ;
u telaq fis-skiet . . . .
Kif nefaħ ir-riħ
inqasmet is-siġra w intelqet
minn tulha ma' l-art . . . .
qajl qajl beda l-weraq jidbiel
sa nixef u miet
u tilfet is-siġra kull ġmiel.
Hekk inti bi lsienek, ja ħajjen,
għidt kelma . . . tlaqt oħra . . . mbagħ'd oħra . .
kull waħda maħsuba
u mqiegħda
bis-sengħa li tagħti l-mibegħda . . .
u tlaqt . . . .
u skitt . . . .
U l-mara bla ħtija
Ma' żewġha ġellidt.
U fridt
l-ulied minn ma' l-omm . . .
u sraqt minn kull fomm
ta' l-hena t-tbissima li fawret

*   *   *

u ħeġġet fil-qlub
ta' min kien maħbub
u issa fi mħabbtu
imkisser, imweġġa', mislub.

B'kara.

# RECENSJONIJIET

**"VATUM CONSORTIUM jew IL-POEŻIJA BIL-MALTI"** — Karmenu Vassallo, mitbugħ id-'Dar ta' San Ġużepp', Ħamrun, Malta, 1968, pp. 608.

"Vatum Consortium" xeħet dawl ġdid fil-Letteratura Maltija, qanqalha għal ħajja ġdida u fetħilha għajnejha li għandha ħafna potenzjalitajiet oħra. Jekk trid tikber, tistagħna u tixhed li hi ġisem ħaj jeħtieġ li tfittex toroq ġodda, jeħtiġilha tħaddem il-potenzjalitajiet kollha tagħha.

S'issa nafu fiex waslet il-Letteratura Maltija, l-iżjed fil-qasam poetiku. X'għad tilħaq u kemm għad tistagħna, ma nafux. Jeħtieġ li l-ġenerazzjonijiet ġodda jkollhom il-ħila jaqbdu l-għasluġ f'idejhom u jimxu jtektku fid-dlam bil-għan li jsibu t-triq għall-poeżija Maltija tassew ġenwina u tassew moderna.

Karmenu Vassallo donnu jogħxa b'dak li nkiteb s'issa minn dawk li hu jsejjaħ 'poeti'. Imma, jitmeżmeż minn min jagħmel ħiltu biex jikteb xi ħaġa rivoluzzjonarja bħal dik li hija metrika. Hekk fil-paġna 13, igħid f'nota: "Minn dak iż-żmien (1963) 'il hawn nibtu poeti, kif ukoll kittieba jew ħarbiexa ta' versi, li tawna kemm-il għamla ta' poeżija mlaqqma *moderna*(!) — poeżija ħielsa minn kull irbit metriku u ritmiku u wisq drabi mneżżgħa wkoll minn kull ħjiel u minn kull ħajr ta' *poeżija tassew*". Aħna ma nistgħux naqblu ma' din il-fehma. Nifhmu li mhux kull tentativ ta' poeżija moderna se jseħħ. Imma nifhmu wkoll li x-xogħol tal-poeti moderni huwa wkoll it-tama tal-Letteratura Maltija.

"Vatum Consortium" ma jiġborx fih ward u żahar biss tal-poeżiji li dehru s'issa b'ilsienna, imma hu ġabra ta' mirja tal-għamliet ewlenin tal-poeżja Maltija. U dawn il-mirja fihom it-tajjeb u l-ħażin tagħhom. Barra minn hekk, Karmenu Vassallo fittex li jagħmilha ta' 'surmast' (p. viii) f'ħafna poeżiji billi jgħaddihom mill-għarbiel letterarju kif jaf hu.

Fil-'Kelmtejn Qabel', l-awtur qal: "Dan il-ktieb la hu għal kollox ġabra ta' poeżiji ta' għadd ta' kittieba, la storja fil-qosor tal-letteratura tagħna, u lanqas studju kritiku-letterarju magħmul bir-reqqa u fit-tul. Waqt li għandu kemmxejn minnhom it-tlieta, aktar inqisu u ngħoddu bħala Metrika Maltija oħra . . . " (p. vii). Il-Werrej tat-tqassim ewlieni tal-ktieb jixhed kemm hu minnu li l-awtur kellu f'rasu li joħloq metrika oħra. Hekk, fl-Ewwel Taqsima l-awtur tkellem dwar 'Tbexbix il-Għana Malti fi Ġrajjiet il-Malti Miktub'; fit-Tieni Taqsima kiteb dwar 'Il-Vers tat-Tmienja'; fit-Tielet Taqsima studja 'Il-Vers tas-Sitta'; fir-Raba' Taqsima ta tagħrif dwar 'Il-Vers ta' l-Erbgħa'; fil-Ħames Taqsima tkellem fit-tul dwar 'Il-Vers tal-Għaxra'; fis-Sitt Taqsima kiteb dwar 'Il-Vers tat-Tnax'. Hekk ukoll fl-għaxar taqsimiet l-oħra li fih il-ktieb, għarbel taħt ħafna rjus versi u għamliet oħra ta' poeżiji bil-Malti.

Minħabba l-ħsieb ewlieni ta' metrika, u t-taqsimiet skond il-vers u mhux skond l-awtur, Vassallo kellu bla ma jrid isemmi l-istess poeta taħt diversi rjus. Hekk min ikun irid jara x'qal l-awtur ta' din l-antoloġija dwar xi poeta, ikollu jsib ismu f' "Werrej l-Isem tal-Poeti u tal-Poeżiji (jew siltiet minnhom) ta' Kull Wieħed" (p. 588), imbagħad ifittex x'intqal fuqu fil-paġni li jissemmew taħt ismu.

Dan l-istess tqassim joħloq żewġ diffikultajiet oħra: il-qarrej ma jkun jista' jara bil-ħeffa l-iżvilupp tal-poeżija Maltija.

Min għadu tiela', u għadu qed jitħarreġ fil-kitba tal-poeżiji bil-Malti, dan il-ktieb għandu jkun ta' għajnuna kbira. Imma min għadda 'l quddiem fil-qasam letterarju, aktarx li jiddarras minħabba t-tqassim li fih

il-ktieb. Madankollu, 'Vatum Consortium' fih ħaġa li togħġob lil kulħadd: ir-ritratti ta' ħafna mill-poeti li jissemmew.

Imbagħad xi ngħidu għall-kritika letterarja li fih dan il-ktieb? Hi tipikament krtika Karmenuvassalleska, kritika li tgħolli ħafna jew li tmaqdar ħafna; kritika li tiżbogħ iswed faħam jew li tbajjad bħas-silġ. Il-ħjut tad-dellijiet ma tafx bihom. Għalhekk mhix ħaġa kbira li ħafna poeti nqarsu b'li kiteb fuqhom u għandu mnejn sogħobbihom li isimhom deher fil-ktieb. Dwar din il-ħaġa, Vassallo qal: "Ħsiebi qatt ma kien dak li nċekken jew inriegħex, imma biss li niftaħ l-għajnejn ħalli wieħed ikun jista' jagħmel aħjar għal li ġej (p. viii)". Madankollu jidhrilna li l-Awtur seta' qal ħafna ħwejjeġ bla ma jweġġa'.

Fl-Ewwel Taqsima tal-ktieb, Vassallo jgħid: "Dik il-ħabta (1570), ħareġ l-eqdem ktieb bil-Malti, il-*Ktieb tad-Duttrina Nisranija,* miġjub fi Lsienna u mitbugħ Ruma minn Monsinjur Duzina" (p. 2). Dan it-tagħrif, l-Awtur ħadu mit-'Tagħrif fuq il-Kitba Maltija' li ħarġet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924. Madankollu, dan it-tagħrif mhux mibni fuq l-istorja. Ħa jara Karmenu Vassallo x-xogħol ta' Ġużè Cassar Pullicino: "Kitba u Kittieba tal-Malti", l-Ewwel Ktieb, pp. 47-59.

Jalla l-'Vatum Consortium' jiftaħ l-imħuħ ta' bosta ħalli jaħdmu bla heda biex titla' xemx ġdida fil-qasam poetiku tagħna.

p.d.f.

**"MALTESE RHAPSODY"** minn George Zammit, B.A. (Hons) Lond., LL.D. National Press — Malta, 1969.

Mhux soltu jidhru f'dan il-perjodiku reċensjonijiet fuq kotba miktubin b'ilsien barrani, imma dan il-ktieb bl-Ingliż dehrilna li għandna ngħidu kelmtejn fuqu l-ewwelnett għax miktub minn Membru Akkademiku u t-tieninett għax is-suġġett għandu ħafna minn dik li ngħarfuha bħala ruħ jew ħajja Maltija.

Is-suġġett hu poeżija minsuġa dwar il-ġmiel u l-benna, ix-xewqa u l-għożża li qalb Maltija tħoss lejn din il-Gżira ħanina tagħna. Matul il-poeżija jinħass sentiment nostalġiku lejn il-ħajja ta' l-imgħoddi f'dawn il-Gżejjer bil-ferħ, bil-hena, bix-xogħol u bil-ħidma ta' missierijietna. Kollox ma' kollox wieħed jintebaħ li l-poeta għandu qalbu marbuta mhux biss mal-ġmiel ta' Gżiritna iżda wkoll ma' l-istorja tagħha, mal-folklore ta' ġensha u mad-drawwiet ta' niesha. Ħafna minn dawk id-drawwiet siewja u ferriħija llum qegħdin igħiebu, imma jaqbel li t-tifkira tagħhom tibqa' ħajja għax ifakkruna fiż-żmien meta l-ħajja f'dawn il-Gżejjer tagħna kienet aktar ħelwa u anqas kiefra milli hi issa.

Il-poeżija hi mżewqa u mħawra b'ħafna deskrizzjonijiet sbieħ, tixbiħat milqutin u fehmiet li jagħtu x'jaħseb lill-qarrej. Ir-ritmu tal-versi hu varjat u jaqleb skond il-ħeġġa jew it-tqanqila tas-suġġett jew skond it-tferfira li tħoss il-qalb dwar dak is-suġġett.

Għoġbuna wisq l-istampi, maħdumin mill-awtur innifsu, ta' bini u postijiet li ħafna minnhom jissemmew fil-poeżija. Dawn il-figuri huma ta' siwi kbir għax billi huma maħżużin mill-awtur stess juru bir-reqqa d-dehriet li hu kellu f'moħħu waqt li kien jikteb dwarhom.

U biex il-ktieb ma jkun jonqsu xejn l-awtur kiteb ħafna noti biex ifisser ċirkustanzi jew ġrajja msemmijin fil-poeżija tiegħu u li forsi ftit huma magħrufin. Il-ktieb stampat f'għamla sabiħa, karta fina u jinqara bil-ħeffa; hu wieħed mill-aħjar kotba bl-Ingliż li ħarġu f'Malta din is-sena.

Ġ.

## GEORGE STEVENS JOĦROĠ IL-ĠABRA TA' ESSAYS

Dan l-aħħar ħareġ il-ktieb "Waqtiet" ta' George Stevens. Dan il-ktieb huwa ġabra ta' essays fuq suġġetti varji, uħud minnhom rebbieħa f'konkorsi, u jista' jkun ta' għajnuna ħafna għat-tfal ta' l-Iskejjel Sekondarji. Il-varjetà fil-għażla tas-suġġetti kienet maħsuba biex il-ktieb ikollu appell ġenerali għal kull min iħobb jaqra bil-Malti.

George Stevens huwa membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (Akkademja tal-Malti), ko-fundatur u membru fil-Kumitat tal-Għaqda Letterarja Maltija u promutur tal-Kummissjoni għall-istandardizzazzjoni tal-Malti. Stevens ilu jikteb għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena u l-kitba tiegħu ġiet imxandra fuq ir-Rediffusion u fil-ġurnali lokali.

Il-ktieb "Waqtiet", li għandu kopertina b'disinn bil-kulur fuq l-offset, jinsab għall-bejgħ għand il-librara prinċipali.

**"WERAQ TAL-ĦARIFA"**, ta' J.P. Vassallo — Ġabra ta' Poeżiji — Stampat għand Giov. Muscat & Co. Ltd., 1969.

Dan il-ktieb tal-poeżiji "Weraq tal-Ħarifa" aktarx għal ħafna wasal bla ma kien mistenni. Għax għal ħafna J.P. Vassallo hu magħruf bħala bniedem li ħadem ħajtu kollha fl-isfera ta' edukazzjoni hawn Malta imma mhux fl-isfera tal-poeżija. Għal medda twila ta' snin hu kien il-pern li fuqu ċċaqilqet il-ħajja ta' l-edukazzjoni tagħna. L-impenji kbar u l-ħidma bla mistrieħ tiegħu għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni ma tawhx iż-żmien jiddedika ħajtu għall-kitba tal-poeżija. Imma l-poeżija kienet fih, kienet ħaġa waħda ma' ruħu. Kienet bħal xrara moħbija li bdiet tikbes bil-mod il-mod sakemm fl-aħħar xegħlet f'ħuġġieġa. Hekk jistqarr il-poeta nnifsu fil-Prologu:

> Il-Muża jien ħabbejt minn mindu kont tarbija,
> u l-akbar ħena sibt fil-ħdan tal-Poeżija.
> Bis-seħer sħiħ tal-għana demmi kien magħġun,
> Bis-sejħa tas-sbuħija moħħi kien miġnun.

Dan nistgħu narawh bil-fatti. Għax meta l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fis-sena 1926 ħajret lill-istudenti ta' l-Università joħorġu numru speċjali tar-rivista "Il-Malti", kien hu wieħed minnhom li kiteb poeżija bil-Malti, il-poeżija "Ftakar", li qiegħda tidher ukoll fil-"Weraq tal-Ħarifa". Dawk il-versi teknikament tajba u b'ideat sbieħ ħafna huma xhieda ħajja ta' kemm J.P. Vassallo kellu fih sa minn ċkunitu x-xrar tal-poeżija. Imbagħad waqaf. Poeżija aktar bil-Malti minn tiegħu ma qrajniex, għalkemm bl-Ingliż kompla jikteb. Hawnhekk irrid noqgħod nirrifletti għal mument mal-ħabib tiegħi Wallace Gulia fuq il-fatt illi, niktbu kemm niktbu bi lsien barrani, u tkun dik il-kitba tajba kemm tkun, ix-xogħol tagħna kollu ma jkunx ħlief qatra ilma f'baħar wiesa'. Jintilef u maż-żmien ma jibqax aktar jissemma. Imma mhux hekk meta tikteb bil-Malti, ilsien art

twelidek. Tkun qed tkabbar u ssebbaħ ilsienek, u l-kitba tiegħek meta tkun mirquma b'sengħa artistika u bi ħsebijiet qawwija u oriġinali, tibqa' ħajja għal żmien twil ukoll wara mewtek. Dan narawh minn diversi poeti Maltin li, wara mewthom, għadna napprezzaw il-poeżiji tagħhom, għadna naqrawhom u nistudjawhom. Fil-veru sens tal-kelma, qalbna għadha marbuta ma' qalbhom.

U għalhekk kien tabilħaqq ħsieb tajjeb tal-Kav. Vassallo li kiteb dawn il-poeżiji tiegħu bil-Malti u mhux bl-Ingliż, lingwa li hu jippossedi tajjeb ħafna. B'dawn il-poeżiji hu daħal fil-qasam tal-poeti Maltin. U daħal bil-jedd u bil-qawwa kollha.

Dan il-ktieb nista' ngħid li jappartieni għall-istorja tal-letteratura tagħna, għax fih jien nara rabta bejn il-ħsieb modern u t-teknika tradizzjonali. Dan hu eżempju ħaj ta' kif tagħraf tesprimi ferm ċar u tajjeb, mingħajr ma tinqata' mit-teknikalità tal-poeżija tradizzjonali, id-dinja ta' madwarek, bit-taħwid li qed ngħixu fih, bis-sabiħ u l-ikraħ tagħha.

Ideat kalejdoskopiċi jiġru minn vers għal ieħor, minn poeżija għal oħra. Il-moħħ jimraħ fuq diversi suġġetti u jiġri mill-ħajr u l-ġmiel tal-qamar għall-paċi u l-imħabba tal-familja, minn notturni fil-knisja tal-Griegi u Pjazza Reġina għall-meditazzjoni fuq il-ħeġġa u s-sħana tal-Fid', mis-swied il-qalb għall-ferħ, mir-reali għall-fantastiku, mir-riflessiv għad-deskrttiv. Araw ir-reqqa u l-forza tad-deskrizzjoni fil-poeżija "Qamar, ja Qamar":

Siegħa wara siegħa
Bil-qiegħda fuq xi qiegħa,
Jew taħt xi siġra mkennen,
Fejn il-werżieq jitbennen,
B'riġlejja mħaddnin,
B'għajnejja msammrin
Fuq dak il-wiċċ li jsaħħar,
Isaħħar u jbaħħar
Fil-firxa tas-smewwiet,
Kollu dija u skiet,
Ta' tfajla sbejħa u rżina,
Fil-ħemda twila twila ta' lejla settembrina.

U mad-deskrizzjoni l-poeta jorbot l-element riflessiv b'versi li tħosshom jimpressjonawk mhux biss bil-ħlewwa li fihom daqs kemm bil-qawwa espressiva li l-poeta jagħraf jagħti lill-kelma. Għax ta' min isemmi illi l-kelma Maltija J.P. Vassallo għaraf jagħtiha, biex taqdi l-medda ta' ħsibijietu, "twist" oriġinali fl-espressjoni. Eżempji bħal dawn insibuhom imxerrda f'diversi poeżiji. Hekk insibu fil-poeżija "Qamar, ja Qamar":

Tgħanni u tibki qalbi
U jibki u jgħanni talbi
U miegħu tibki wkoll
Il-għanja ħelwa ħelwa, l-għanja tar-rużinjol.

U fil-poeżija "Waqgħet Kewkba":

L-imħabba saret semm,
L-Imsallab għaraq demm,
Tfajla b'wiċċ daħkani
U raġel b'but setgħani.

L-istess ħaġa fil-poeżija "Reverie".

Kieku, Kultant u Darba
Lili sikwit iżuru,
Jersqu bil-mod, bla ħsejjes,
Fil-kwiet madwari jduru.

Hekk ukoll fil-versi li jagħlqu l-poeżija "Pjazza Reġina":

Ta' l-istaġuni l-erbgħa
Ġie u mar iż-żmien.
Fejn hu t-tifkir ta' ħbiebi
Li qanqlu qalbi u ħsiebi?
Għebu kullimkien.

Dawn l-aħħar versi jirriflettu s-sens nostalġiku tal-poeta għaż-żmien li tar u li ma jarġa' qatt lura. Isaqsi mdejjaq u diżappuntat:

Għaddew, għaddew il-ġrajja
Minn taħt il-pont tal-ħajja . . .
Fejn hu tal-glorja r-rand?

Dan is-sens ta' diżillużjoni u monotonija jinħass f'xi wħud mill-poeżiji l-oħra, għax tinsewx li dan il-ktieb jiġbor u jdomm fih kullana ta' weraq tal-ħarifa, imma b'danakollu l-ottimiżmu tal-poeta jisboq u jegħleb bil-bosta n-niket u l-qtigħ il-qalb. Dan narawħ ċar fil-lirika "Ftakar":

Ftakar fil-ward ta' Mejju,
Tinsiex ix-xemx t'April.

Bħalma wkoll fil-poeżija "Il-Fidi", waħda mill-isbaħ li fih il-ktieb sew għall-ekonomija tal-kliem kemm ukoll għas-sentiment fin u l-ħsieb profond:

Ġewwa ħarist: fil-qalba u l-kenn tad-dar
Iddawwal sħuna l-fjamma tal-fuklar.

Dan il-ktieb ta' poeżiji "Weraq tal-Ħarifa" jien nistħajlu r-reazzjoni normali poetika għaż-żminijiet li qed ngħixu fihom. Il-Kav. Vassallo f'dawn il-poeżiji b'metrika u ritmu tradizzjonali, il-biċċa l-kbira minnhom, kważi kollha, irrimati, esprima t-tjieba u l-frugħa, il-ħlewwa u l-umiltà, il-gratitudni u l-qerq li jsawru l-qalb umana.

In-nota ta' l-imħabba familjari tinsab fil-poeżiji sempliċi u sbieħ "Adrian", "David" u "Carole". Sempliċità u sinċerità jitwaħħdu f'dawn il-versi:

Biesni w il-bewsa tiegħu
Keċċietli kull imrar:
Ħelwa daqs ward u għasel,
Sħiħa daqs l-aqwa azzar.

Fil-poeżija "Teenager" iqaxxar il-ħajja taż-żagħżugħ tal-lum sew kif tidher minn barra, fiżikament, kemm ukoll minn ġewwa, fil-qiegħ tal-qalb:

Wiċċ ta' l-avorju, b'lewn żmerald imdellel,
Magħlub, tawwali, b'żewġ barbetti mxellel.

U jżid jiddeskrivi b'mod metaforiku u mill-iżjed effettiv l-għajnejn, ix-xufftejn, l-imnieħer, il-ħuġbejn u l-ħaddejn ta' dak iż-żagħżugħ li bil-ħarsa tiegħu mkabbra donnu jrid igħid: "Fid-dinja mhawnx ħlief jien!" sakemm il-poeta jasal għall-*climax* qawwi, oriġinali, effettiv:

Iżda fil-qiegħ ta' qalbu
Hemm żrieragħ ta' mogħdrija,
U jidwi għadu f'talbu
Il-leħen tat-tjubija.

Waqt li l-Kav. Vassallo jdur mal-ħajja li ntisġet madwaru u jagħtina l-esperjenzi tiegħu poetiċi, f'diversi poeżiji tiegħu ma tistax ma tħossx ibaqbaq qawwi s-sentiment reliġjuż bħal, ngħidu aħna, fil-poeżiji "Meditativo", "Epitaffju" u "Dies Irae". Imma għall-Kav. Vassallo, l-istess bħal Dun Karm, il-Professur Cuschieri u Rużar Briffa, ir-reliġjon mhijiex dik il-ħaġa konvenzjonali imma hi mimlija ħajja u fiha tiġbor, sabiħa u sielma, il-mużika tal-qalb.

Nistgħu ngħidu illi J.P. Vassallo b'dan il-ktieb tiegħu ta' poeżiji "Weraq tal-Ħarifa" hu interpretu tabilħaqq raffinat u mirqum ta' din id-dinja ta' ferħ u mrar li qed ngħixu fiha, dinja hekk kbira u fl-istess ħin hekk suġġestiva.

Ġużè Chetcuti.

**"KIF TIKKONZA L-ĠLUD".** Minn Peter A. Caruana. National Press — 1969.

Bil-Malti għandna nuqqas kbir ta' kotba fuq tagħlim tekniku, għalhekk hu ta' fejda kull meta joħroġ xi xogħol fuq suġġett tekniku.

Is-Sur Peter Caruana issa qiegħed jagħmel isem bħala awtur ta' kotba dwar il-biedja u kulma għandu x'jaqsam magħha. Dan l-aħħar ktejjeb tiegħu jissokta fit-triq li fetħu dawk ta' qablu.

L-ikkonzar tal-ġlud hu oġġett ta' utilità u ta' sodisfazzjon għal min jindaħal għalih. F'dan il-ktieb il-proċess hu mfisser ċar u bla kliem żejjed, tant li min jixtieq jikkonza xi ġlud, ngħidu aħna ġilda ta' fenek, jekk jimxi fuq it-tagħrif tas-Sur Caruana, jista' jaqta' xewqtu u joħroġ sodisfatt.

L-awtur ifisser bis-sengħa t-tqaxxir tal-ġilda, is-sistemi ta' kunzatura, it-tnixxif u t-tnaddif, u l-qarrej jista' bla taħbit u bla taħwid jifhem il-proċess kollu mill-bidu sa l-aħħar.

## WERREJ TAS-SENA 1969


AGIUS, MARJU
*Wara l-Ewwel Xita* ... ... ... ... ... ... ... facċ. 114
ATTARD, E.
*Mhux Hekk?* ... ... ... ... ... ... ... ,, 34
*Bott Vojt* ... ... ... ... ... ... ... ,, 43
*Id-Dinja Għajjiet* ... ... ... ... ... ... ... ,, 119
ATTARD, MANWEL F.
Daqsxejn ta' Annimal! Imbagħad tgħ'd ... ... ... ,, 47
BARBARA, VAL. V., O.P.
*Il-Għanja tal-Kontinenti lil Marija* ... ... ... ... ,, 106
BIANCARDI, NIKOL
Ħwejġi ġo Firenze ... ... ... ... ... ... ... ,, 20
BORG, PUBLIUS E.
*Il-Ġarb Igħallem?* ... ... ... ... ... ... ... ,, 26
BUHAGIAR, SPIRO
*Fantasija u Realtà* ... ... ... ... ... ... ... ,, 57
*Mhux li Kieku Jaħasra!* ... ... ... ... ... ... ,, 92
BUONTEMPO, Kan. AMANTE, J.U.D., Adv. S.R.R.
*Saqaf Iqattar* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 109
BUTTIGIEG, LOUIS
*Il-Festa tat-Tieġ* ... ... ... ... ... ... ... ,, 16
*Karba ta' Suldat* ... ... ... ... ... ... ... ,, 91
CACHIA, PAWLU
*Kont Jien Stess!* ... ... ... ... ... ... ... ,, 17
*Il-Poeżija tal-Ħajja* ... ... ... ... ... ... ... ,, 90
*"Vanitas Vanitatum"* ... ... ... ... ... ... ,, 118
CAMILLERI, J.
*"Jien Alla Sidek . . . "* ... ... ... ... ... ... ,, 79
CASSOLA, Kav. ALBERT M., F.I.L., O.S.J.
L-Artikoli tal-Ġurnali ... ... ... ... ... ... ... ,, 5
*Lill-Poeti* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 46
*Dwar l-Arti* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 53, 75
CHETCUTI, ĠUŻE'
Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi ... ... ... ... ... ,, 65
COLEIRO, CHARLES
*Fariżina* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 39
EDITUR
Kotba Ġodda bil-Malti ... ... ... ... ... ... ,, 3
Laqgħa ta' l-"Atlante Linguistico Mediterraneo" f'Malta ,, 33
Aħbarijiet ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 83
Is-Sena 1969 — Sena tal-Qamar ... ... ... ... ... ,, 97
Ittra tas-Sur Robert Mifsud Bonnici ... ... ... ... ,, 110
L-Ilsien Malti fl-Awstralja ... ... ... ... ... ,, 117
ELLUL GALEA, KARMENU
*Il-Bandiera* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 23
*Alcide De Gasperi* ... ... ... ... ... ... ... ,, 74
*Orizzont Ġdid* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 100

FRIGGIERI, OLIVER, B.A.
*Kif Jisbaħ Għada* ... ... ... ... ... ... ... faċċ. 99
G.Z.A.
Cecil Day-Lewis ... ... ... ... ... ... ... ,, 38
GUILLAUMIER, ALFIE
Padre Ottomano ... ... ... ... ... ... ... ,, 13. 40
GULIA, Dr. WALLACE Ph., LL.D. B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., (Admin.) (Manchester), D.P.A. (Lond.)
*Relatività* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 52
*L-Għanja tax-Xogħol* ... ... ... ... ... ... ,, 78
*Ħolqien* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 101
MASSA, ALFRED
Rebħu t-Tnejn ... ... ... ... ... ... ... ,, 67
MIFSUD, PAWLU
Il-Ħarufa ta' l-Għid ... ... ... ... ... ... ,, 35
Meta Morna z-Zoo ... ... ... ... ... ... ... ,, 84
L-Anġlu u x-Xitan ... ... ... ... ... ... ... ,, 104
MIFSUD BONNICI, G.
*Ftit Ilħna u Drawwiet ta' Tjur u Bhejjem* ... ... ... ,, 112
MUSCAT-AZZOPARDI, GINO
Nikol Biancardi ... ... ... ... ... ... ... ,, 73
NICHOLAS BORG, MANWEL
*Tweġid ta' Poeżija* ... ... ... ... ... ... ... ,, 58
*Nikol Biancardi* ... ... ... ... ... ... ... ,, 72
PELLEGRINI, Kav. Dr. V.M., LL.D.
*Il-Passaġġ* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 4
*Saeta* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 26
Santu Wistin studjat bħala Kittieb ... ... ... ... ,, 44
REĊENSJONIJIET
Marzu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 27
Ġunju ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 59
Settembru ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 93
Diċembru ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 121
SAMMUT, Patri ALB., O.F.M. Conv.
*Twajjeb Ġesù, Aħfirli* ... ... ... ... ... ... ,, 89
SCHEMBRI, SALVINU
*Ħsibijiet u Fantasija* ... ... ... ... ... ... ,, 113
SCIBERRAS, JOHN
*Rokku* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 111
SCIBERRAS, JOSEPH
*Ġmiel il-Ħolqien* ... ... ... ... ... ... ... ,, 22
*Bħal Siġra* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 120
THEUMA, P.P.
*Fl-Għaxija* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 37
VASSALLO, Kav. J.P., O.B.E.
*Ballada Sewda* ... ... ... ... ... ... ... ,, 115
ZAHRA, TREVOR
*Ħsieb* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 66
ZARB, DWARDU
*Milied 1968* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 11

# TWISSIJA LILL-IMSEĦBIN

Ikollna nwissu lill-Imseħbin li għadhom lura fil-ħlas ta' l-abbonament illi, jekk ma jibagħtux il-ħlas minnufih lit-Teżorier, il-Ktieb ta' Diċembru m'aħniex sa nibagħtuhulhom. Ta' lanqas niffrankaw l-ispejjeż tal-Posta.

GIOV. MUSCAT & CO. LTD. — MALTA — PRINTERS.